MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 2428/1998/1

**Francis u Mariella konjugi Baldacchino**

**Vs**

**Ruth Vella**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' sitt mija u hdax il-lira Maltin u erbghin centezmu (Lm611.40) rapprezentanti materjal u xoghol ta' komunikazzjoni ta' dawl u ilma, liema xogholijiet saru gewwa l-fond 22, Loret Cutajar Street, Zebbug u liema xogholijiet gew ordnati biex isiru mill-konvenuta. Ili minkejja li kienet interpellata sabiex thallas dina s-somma lil atturi l-konvenuta baqghet inadempjenti u ma' sarx hlas tal-ammont dovut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali datati 29 ta’ Settembru 1998 u ukoll tal-29 t’Ottubru 1998, bl-imghax legali mid-data tal-istess, u l-konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konventua (fol 4 u fol 5 tal-atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Preliminarjament, il-konvenuta m’ghandha ebda relazzjoni guridika mal-attrici Mariella Baldacchino.
2. Illi fil-mertu t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi stante illi l-attur Francis Baldacchino qatt ma ikkompleta l-appalt ta’ komunikazzjoni u istalazzjoni ta’ dawl u ilma fil-fond 22, Triq Loret Cutajar, Zebbug:
3. Illi di fatti sabiex dan ix-xoghol jigi kompletat l-eccipjenti kellha tinkariga persuni ohra, u precizament lil Joseph Camilleri u lil CAF Ltd, sabiex jikkompletaw dan ix-xoghol, kif jirrizulta mill-anness “schedule of works” immarkat bhala Dok A u hallset lill-imsemmija Joseph Camilleri u CAF Ltd s-somma komplessiva ta’ tliet mija u tmienja u hamsin lira Maltija u ghaxar centezmi (Lm358.10) kif jirrizulta mill-annessi ricevuti mmarkati Dok. B u C, liema somma, f’kull kaz, ghandha tigi dedotta mis-somma li qed tigi reklamata mill-atturi;
4. Illi fil-mertu wkoll t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kollha kontra l-atturi stante illi x-xoghol ta’ istallazzjoni u komunikazzjoni ta’ dawl, ilma u drenagg ezegwit mill-attur Francis Baldacchino fuq inkarigu tal-konvenuta ma sarx skond is-sengha u l-arti u bl-uzu ta’ materjal idoneu, u di fatti dan ix-xoghol hazin qieghed jikkawza lill-konvenuta danni ingenti;
5. Illi l-eccipjenti qed tirrizerva minn issa d-drittijiet taghha kollha skond il-ligi li tipprocedi gudizzjarjament kontra l-attur Francis Baldacchinio ghall-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni minnu lilha kagjonati b’rizultat tax-xoghol hazin u mhux skond l-arti u s-sengha minnu ezegwit;
6. Illi, di piu, l-attur Francis Baldacchino naqas milli jipprovdi lill-eccipjenti b’certifikat tax-xoghol tieghu kif rikjest mill-ligi meta si tratta ta’ xoghol ta’ istallazzojni ta’ dawl u ilma, u naqas ukoll milli jipprovdi lill-konvenuta

b'kopja tal-licenzja tieghu ta' 'electicrian' u dan minkejja li kien gie interpellat jaghmel dan permezz ta'ittra legali datata t-22 t'Ottubru, 1998 li kopja taghha qed tigi annessa bhala Dok D;

7. Illi l-attur Francis Baldacchino naqas milli jikkompleta l-appalt lilu moghti entro z-zmien pattwit u dan il-fatt ikkawza lill-konvenuta danni ingenti stante illi minhabba n-nuqqas da parti tal-attur Francis Baldacchino hija ma setghetx tidhol tirrisjedi fil-fond "de quo" u xoghol iehor illi kellu jsir, fosthom it-tqeghid ta' madum tal-art, l-aperturi, kmamar tal-banju u xoghol iehor ancillari, ma setax isir u meta finalment gie ezegwiet il-prezz kien oghla minn dak li kien ikun kieku x-xoghol sar fiz-zmien miftiehem;

8. Illi l-konvenuta qed tirrizerva minn issa d-drittijiet taghha li tipprocedi gudizzjarjament kontra l-attur ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' dawn id-danni kif fuq spjegati u tad-danni kollha li l-istess attur Francis Baldacchino ikkawza u kkaguna lill-konvenuta minhabba fin-nuqqasijiet tieghu kif fuq elenkati;

9. Illi f'kull kaz ukoll l-ammont reklamat mill-atturi huwa ezagerat u eccessiv u dan izjed u izjed in vista tal-fatt illi l-konvenuta diga hallset lill-attur Francis Baldacchino s-somma ta' erba' mija u sebghi lira Matija (Lm470) ghal appalt li l-istess attur naqas milli jikkompleta;

10. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-istess nota a fol 6 sa fol 10 ibid.

Rat id-digriet Taghha moghti fl-1 ta' Novembru 1999 (fol 13 ibid) u li bih gie nominat bhala <u>espert tekniku lill-A.I.C. Alan Saliba</u>.

Rat ir-<u>relazzjoni</u> tal-istess espert tekniku kif ukoll il-verbali u d-dokumenti esebiti annessi maghha (fol 52 u fol 165 et seq ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Ili in rigward l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenuta li hi ta’ natura legali jkun sufficjenti li jinghad illi l-kreditu allegatament dovut mill-konvenuta skond l-avviz in esami, hu wiehed li jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti presunta li tesisti bejn l-istess atturi, mizzewgin. Ghalhekk din il-procedura saret b’mod korrett u skond il-ligi sabiex jigi salvawardat l-integrita ta’ dan il-gudizzju. Konsegwentement, l-ewwel eccezzjoni ghandha tigi respinta.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-mertu li hu ta’ natura teknika, giet analizzata l-imsemmija relazzjoni u l-atti kollha relattiva ghall-istess rapport u din il-Qorti tara li ma ghandhiex tiddepartixxi mill-konkluzzjoni sottomessi mill-espert tekniku meta dan ikkonsidra kemm il-meritu kien, wahda wahda, l-eccezzjonijiet kollha sottomessi mill-konvenuta u li huma ta’ natura teknika.  Ghalhekk il-konkluzzjoni ghanda tkun illi, mill-ammont mitlub fl-avviz, l-atturi ghandhom jithallsu ammont anqas minnu dak mitlub fl-avviz, skond kif sottomess, finalment u kif risultanti a fol 93 u fol 94 ibid.  Dan l-ammont imnaqqas u dovut mill-konvenuta lill-atturi hu Lm407 (ara b’mod specjali fol 77, fol 79, fol 83 u fol 84, fol 86 u fol 87 tal-istess atti).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa ‘inparte’ it-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma kif ridotta, ta’ Lm407 bl-imghax legali mill-21 ta’ Dicembru 1998 sad-data tal-pagament effettiv.  In rigward l-ispejjes ta’ dan il-proceduri il-Qorti tordna li dawn, inklusi dawk tal-ittri legali tad-29 ta’ Settembru 1998 u tad-29 ta’ Ottubru 1998, jithallsu kwantu ghal terz (1/3) mill-atturi kwantu ghal zewg terzi (2/3) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------